Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 3 / 2020

Il-Pulizija

vs

**Stephen Borg**

Illum, 20 ta' Ottubru 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Stephen Borg, detentur tal-karta tal-identita' numru 155778(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'xi hin fis-16 ta' Marzu, 2016;

1. Gewwa garaxx bla numru fi Triq il-Kbira, Mosta, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom kaxxa tal-ghodda, rota ta ditta Fat Boy, karozza tal-loghob tal-battery tat-tfal ghad-dannu ta Liam Pace u/jew persuni ohra liema serq huwa kwalifikat bil-valur u bil mezz tal-261 (b) (c), 265, 267 279 (a) Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Fl-istess cirkustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara u/jew gharraq hwejjeg ta' haddiehor mobbli jew immobbli u cioe hsara fuq bieb ta garaxx liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin ewro (€250) bi ksur tal-Art.325 (1) (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

3. Gewwa garaxx bin-numru 22 fi Triq Walter L. Salomone, Mosta, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom apparat tal-HiFi, kaxxi mimlija DVD's, gaga tal-ghasafar u xi oggetti ohra ghad-dannu ta Elton Zarb u Kenneth Cocks u/jew persuni ohra liema serq huwa kwalifikat bil-valur u bil mezz tal-261(b)(c), 265, 267, 279 (a)Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Fl-istess cirkustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara u/jew gharraq hwejjeg ta' haddiehor mobbli jew immobbli u cioe hsara fuq bieb ta' garaxx liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin ewro (€250) bi ksur tal-Art.325 (1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Ukoll talli wara li kien ikkundannat f' Malta ghal serq jew ghal-ricettazzjoni, instab fil-pussess ta oggetti li kienux tal-kundizzjoni tieghu, minghajr ta' kont sodisfacenti ta' kif kienu gew legittimament ghandu u wkoll talli nstabu ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi minghajr ma ta' kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu insabu ghadhu u dan ghat-tenut tal-Art 287 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

6. Ukoll talli fl' istess data f' dawn il-gzejjer saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAP-348 tal-ghamla Volkswagen minghajr licenzja tas-sewqan mahruga mill-awtorita kompetenti bi ksur tal-Sez. 15 (1) (a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta Malta.

7. Kif ukoll talli fl istess data, f' dawn il-gzejjer uza jew gieghel jew ihalli lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur u cioe vettura bin-numru ta registrazzjoni AAP-348 tal-ghamla Volkswagen fit-toroq kemm-il darba, meta ma sehhitx polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni bi ksur tal-Art.3 (1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta Malta.

8. Ikkommetta delitt ta' natura volontarja, punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin moghtija lilu mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D. nhar l-04 ta' Marzu 2015;

9. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provvizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D fis-7 ta' Lulju, 2009 u dan taht depozitu ta' € 3,000 u garanzija personali ta' € 30,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti;

10. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D fit-28 ta' Mejju 2013 u dan taht garanzija personali ta' € 10,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti;

11. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provvizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. A. G. Vella LL.D fl-14 ta' Mejju 2014 u dan taht depozitu ta' € 1,000 u garanzija personali ta' € 9,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti;

12. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provvizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D. fil-25 ta' Settembru 2014 u dan taht depozitu ta' € 1,000 u garanzija personali ta' € 7,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti;

13. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provvizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr C. Peralta LL.D fit-22 ta' Lulju 2015 u dan taht garanzija personali ta' € 2,500 fost kundizzjonijiet ohra kif ordna li jaghmel mill-istess Qorti;

Il-Qorti giet mitluba titratta ma' Stephen Borg bhala recidivist ta' sentenzi moghtija lilu mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Jannar, 2020 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 261 (b) (c), 263, 265, 267, 278, 279(a), 280, 325 (1)(c), 287, 28B, 579, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 3 (1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5), tas-sitt (6), tas-seba' (7), tat-tmien (8), tal-ghaxar (10), tal-hdax (11), tat-tnax (12) u tat-tlettax (13)-il imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u ikkundannatu tlett (3) snin prigunerija. Il-Qorti inoltre irrendiet operattiv il-perjodu ta' sentejn prigunerija li permezz tas-sentenza tal-4 ta' Marzu 2015 kien gie sospiz ghall-perjodu ta' erba' (4) snin sabiex b' hekk l-imputat ghandu jiskonta perjodu kumplessiv ta' hames (5) snin prigunerija.

Il-Qorti skwalifikat lill-imputat milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) -il xahar millum. Il-Qorti ordnat r-riarrest tal-imputat b'effett immedjat in kwantu jirrigwarda d-digrieti ghall-helsien mill-arrest indikati fl-ghaxar (10), fil-hdax (11), fit-tnax (12) u fit-tlettax (13) -il imputazzjoni fejn il-kawzi fejn dawn inghataw ghadhom ma ghaddewx in gudikat. Il-Qorti iddikjarat lill-imputat mhux hati tad-disa' (9) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu minnha.

Rat ir-rikors tal-appellant Stephen Borg minnu pprezentat fit-28 ta' Jannar, 2020 fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirriformha billi:

Tikkonfermha fil-parti fejn sabet lil appellant mhux hati tal-imputazzjoni migjuba kontrieh u cjoe tad-disa (9) imputazzjoni u,

Thassarha u tirrevokha fil-arti fejn sabet htija u cjoe fil-kumplament tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant u kwindi tilliberah skond il-Ligi minn dawn l-imputazzjonijiet, htija u piena. U, minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, alternittivament, tirriformha in kwantu piena nflitta mill-Ewwel Qorti fl-ismijiet premessi u tinfliggi piena aktar idoneja u anqas harxa u li tirrispekkja il-kaz in ezami.

Rat l-aggravji tal-appellanti li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi primarjament l-appellant qieghed jecceppixxi dawn l-eccezzjonijet:

(i) Illi, l-appellant jeccepixxi illi l-imputazzjoni numru tmienja (8), u cjoe wettaq reat waqt perjodu operattiv ta` sentenza sospiza moghtija nhar l- 4 ta` Marzu 2015 (Mag Dr. Micallef Trigona Antonio), u li fuqha instab hati mill-Ewwel Onorabbli Qorti *gia giet resa operattiva,*u dan permezz ta` denunzja quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Mag. Dr. Francesco Depasquale, [illum Mhallef], nhar is-6 t` Awissu 2018 fejn dak inhar l-Qorti irrendiet l-istess sentenza msemmija operattiva. Dan kien gia sollevat f'Appell iehor sub judice quddiem din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell diversament preseduta f'appell iehor ntavolat mill-appellant;

Illi fuq din l-eccezzjoni, l-appellant jehtieglu jtella lil rapprezentant tal-Habs f'Kordin sabiex jikkonferma dan kif wkoll jesebixxi b'Nota f'kaz ta` bzonn b'kopja legali tal-istess denunzja datata 6 t` Awissu 2018.

(ii) Illi, l-appellant wkoll jirrileva illi, l-istqarrija datata 4 t` April 2016 rilaxxata minnu, ghandha tigi sfilzata u dan abbazi decizjonijiet fosthom fil-Qorti Kostituzzjonali, decizjoni: *Graziella Attard vs Avukat Generali*, datata 27 ta`

Settembru 2019, [83/2016 LSO], fejn ordnat l-isflizar abbazi illi l-akkuzat ma inghatax dritt kif sancit mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem sabiex jkollu presenza ta` avukat waqt interogazzjoni. Din in segwitu ta` sensiela ta decizjonijiet ohra mittiehda mill-ECHR fejn gie stabbilit l-istess principju kif ritenut fil-kaz citat tal-Qorti Kostituzzjonali.

Illi, aggravvji dwar kif svolga l-kaz in ezami huma s-segwenti:

L-appellant ma kienx ippruvat illi kien hu illi effettivament seraq dawn l-oggetti u dan abbazi illi mid-data u hin u fejn kien misjub huwa stess, u cjoe mhux fil-VW Golf li kellha l-oggetti misruqa moghbija fiha, hemm distakk konsiderevoli sabiex jkun hemm n-<u>nexus</u> mehtieg ghal prova lil hinn minn dubbju ragenevoli sabiex tinstab htija;

Ebda prova forensika bhal marki tas-swaba ma nstabu wkoll li jimplika lil appellant mal-serqiet addebbitati fl-akkuzi. Gie stabbilit wkoll illi l-eks siehba tall-appellant wkoll kellha cavetta tall-istess vettura li fiha kien hemm l-oggetti misruqa.

Illi huwa pacifiku l-prassi waqt investigazzjoni illi anka waqt perkwisizzjoni mill-Pulizija, is-suspettat jrid jkun prezenti sabiex jkun eliminat il-possibbilita` ta` kontaminazzjoni, jew aghar, illi il-provi u cjoe rifurtiva ma tkunx tista tkun stabbilit min verament poggieha fil-vettura bhal kaz in ezami;

Illi, is-sempliciment pulizija waqt ronda jilmhu vettura li numru taghha registrazzjoni jkun ben maghrug maghhom izda ghal xi raguni jew ohra ma jkunux waqqfuha bix-xufier prezenti fiha u issir id-debita tfittxija fiha, jallontana il-probabbilita` illi prosekuzzjoni tkun konkluza b'success ghall-istess prosekuzzjoni. Dan minhabba l-fatt li hadd ma jista jghid min saqha wara diversi sighat, jew ergo anka jekk minghajr pregudizzju kien l-appellant illi kien qed isuqha meta 'rawh' PC450 u PC899 kif xhedu fl-udjenza datata 21 t' April 2016, ebda prova ma kienet prodotta illi l-oggetti kienu verament gewwa l-Golf msemmi u dan iktar u iktar meta

l-appellant effettivament, kien interrogat u tressaq iktar minn tlett (3) gimghat wara is-serqiet msemmija mill-Mosta u li sehhew fis-16 ta` Marzu 2016!

Jsegwi wkoll illi, ix-xhieda prodotti u cjoe, PC 450 Chris Bartolo u PC 899 Vella, stazzjonati Rapid Intervention Unit, jghidu li segwew lil vettura u min kien qed isuqha, u allura hawn tqum il-mistoqsija ta kif u come ma waqfuhiex meta vettura ta din l-iskwadra Rapid Intervention certament huma velocissimi u apparti jsejhu ghajnuna ta izjed vetturi sabiex f'pajjiz zghir bhal Malta irrendu l-possibbilita` li vettura tisgicca ghal kwazi impossibbli?;

Ikkunsidrat,

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Fis- 16 ta' Marzu 2016 ghal habta tal-ghaxra u nofs ta' filghodu[1] membri tar-Rapid Intervention Unit u cioe' PC 450 u PC 899 kienu qeghdin *patrol* bejn-Naxxar u l-Mosta gewwa Triq Frangisku Pisani, l-Mosta meta innutaw karozza tal-ghamla Volkswagen blu bin-numru ta' registrazzjoni AAP 348 li kienet qieghda tistaq mill-appellant. Antonella Vella kienet ukoll f'din il-vettura;

2. Illi l-Pulizija innutaw li din il-vettura kienet mimlija b'hafna oggetti u stante li kienu jafu lil Stephen Borg, il-Pulizija ghorkithom ghajnejhom u ghalhekk ghamlu dawru sabiex isegwuh izda din il-vettura tilfuha u ma rawhiex;

3. Peress li l-Puliizja kellhom informazzjoni dwar fejn il-persuna tiffrekwenta, saqu lejn Birkirarka fejn allegatament tghix omm l-appellant u baqghu iduru f'dawk l-akwati;

4. Il-Pulizija lemhu l-istess vettura pparkegjata gewwa Birkirkara. FIl-vicinanzi tal-vettura kien hemm Antonella Vella li allegatament kienet passigiera fl-istess vettura aktar kmieni izda Stephen Borg ma kienx fuq il-post;

---

[1] Skont ix-xhieda ta' PC 450 Christopher Bartolo u PC 899 Jean Paul Vella datata l-21 ta' April, 2016.

5. Fil-vettura li ma kinitx koperta b'polza tal-assikurazzjoni u lanqas kienet illicenzjata ghat-triq u li kienet tghajjat lil certu Sultan Dabous, instabu numru ta' oggetti;

6. Fl-istess jum Kenneth Cocks ghamel rapport l-Ghassa tal-Mosta li kien ghadu kif gie misruq oggetti li jappartjenu lilu u lil Elton Zarb, fejn il-garaxx tieghu kienu sabuh miftuh. Il-Pulizija attendew fuq il-post u nnutat li kien hemm sgass fuq il-bieb;

7. Iktar tard matul il-gurnata irraporta ukoll Liam Pace gewwa l-Ghassa tal-Mosta li kien sab il-garaxx tieghu sgassat u li kien hemm diversi oggetti minn gol-garaxx li kienu neqsin;

8. Illi l-allegati vittmi gew murija l-oggetti li kienu elevati minn gol-Volkswagen li kienet qieghda gewwa s-CID yard u uhud minn dawn l-oggetti gew identifikati minn dawn il-vittmi;

9. Stephen Borg kien gie arrestat fl-erbgha (4) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) u tressaq il-Qorti bl-imputazzjonijiet odjerni.

Illi primarjmanet l-appellant eccepixxa zewg eccezzjonijiet fl-appell tieghu. L-ewwel wahda tirrigwarda t-tmien (8) imputazzjoni rigwardanti twettieq ta' reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija fl-erbgha (4) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015). L-appellant jissottometti li din kienet reza operattiv permezz ta' denunzja. Din il-Qorti sejra tikkunsidra dan aktar tard f'din is-sentenza, f'kaz li tikkonferma l-htija tar-reati principali.

Eccezzjoni ohra mressqa f'dan l-appell tirrigwarda l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat fl-erbgha (4) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016). L-appellant jissottometti li abbazi tad-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Graziella Attard vs Avukat**

**Generali**, datata s- 27 ta' Settembru 2019, l-istqarrija tieghu ghandha tigi sfilzata. Din il-Qorti sejra fl-ewwel lok titratta din l-eccezzjoni stante li timpingi direttament fuq il-provi li din il-Qorti tista' tikkunsidra meta tikkunsidra jekk setghetx tinstab htija.

L-istqarrija tal-akkuzat Stephen Borg rilaxxata fl- 4 ta' April 2016 tinsab a fol 18 et sequitur. F'din l-istqarrija bhala twissija tnizzel is-segwenti:

'*M'intix obbligata li titkellem sakemm ma tkunx tixtirq li titkellem imma dak li tghid jista jingieb bi prova.*'

Fl-istess stqarrija Stephen Borg gie mistoqsi '*Nghidlek sew li qabel ma bdejna bl investigazzjonijiet inti kont mghoti karta bid-drittijiet ta persuni arrestati li tinkludi dritt li tikkonsulta ma avukat fejn int ghazilt li ma taghmilx dan?*' u wiegeb '*Iwa.*'

L-istqarrija taghlaq bis-segwenti:

'*Din l-istqarrija hija il-verita kollha, ghamiltha jiena minn jeddi, minghajr ebda weghdi ta' favuri jew vantaggi u minghajr ebda biza jew theddid, u wara li giet moqrija lili naghzel li niffirmaha.*'

Din l-istqarrija izda ma hijiex iffirmata mill-akkuzat.

A fol 16 giet ipprezentata dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali fejn tnizzel is-segwenti:

'*Wara li jiena **Stephen Borg**, gejt arrestat in konnessjoni ma' reat ta' serq u xi reati ohra li jistghu johorgu matul il-kors ta' din l-investigazzjoni u gejt informat mill ispettur Saviour Baldacchino li jien ghandi il-jedd jekk nitlob, li qabel ma issirli xi interrogazzjoni nithalla kemm jista' jkun malajr nikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imbwicc jew bit-telefon, ghal mhux aktar minn siegha zmien, qieghda niddikjara li jiena qieghed nirrinunzja milli nezercita' dan id-dritt.*'

L-**Ispettur Saviour Baldacchino** fis-seduta tat-12 ta' April 2016 ghamel referenza ghad-dikjarazzjoni tal-jedd tal-parir legali fejn l-appellant irrifjuta li jiehu dan il-parir legali, xehed ukoll li l-apppellant ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija. **PS 430 Andrew St John** fis-seduta tat- 8 ta' Lulju 2016 xehed li l-akkuzat '*gie nfurmat dwar l-arrest tieghu fuq x'hiex inhu u kollox u ttiehed gewwa l-ufficju taghna s-CID.*' Spjega li '*Minn hemmhekk tajjeb wiehed jghid meta nghata d-drittijiet gie moghti d-dritt tal-Avukat fejn hemmhekk irrifjuta u rega' rrifjuta mbaghad gol-Ufficju meta gew ripetututi l-istess drittijiet.*' Huwa kkonferma dokument a fol 16 u cioe' dikjarazzjoni tar-rifjut tal-Avukat fejn ma riedx l-assistenza tal-Avukat tieghu. Huwa kkonferma ukoll l-istqarrija a fol 18 sa 20 fejn qal li '*Hawnhekk wara li Stephen Borg inghata d-drittijiet skond il-Ligi mill-iSpettur tieghi Stephen Borg ghazel li ma jiffirmax*'.

L-appellant fl-appell tieghu ghamel referenza ghas-sentenza deciza ricentement fl-ismijiet **'Graziella Attard v. Avukat Ġenerali'**[2] fejn f'dak il-kaz l-akkuzata ma kelliex assistenza legali waqt l-arrest u lanqas thalliet tkellem Avukat qabel l-interogazzjoni. Dan kien fl- 2004. Ghalhekk il-fatti speci u anke l-ligi rigwardanti l-assistenza ta' Avukat ma kinitx l-istess bhal kif kienet meta ttiehdet l-istqarrija tal-appellant. F'din is-sentenza il-Qorti Kostituzzjonali qieset li:

'*9. Igħid sew għalhekk l-Avukat Generali illi l-jedd mogħti taħt l-art. 6 tal- Konvenzjoni (kif ukoll taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni*[3]*) huwa l-jedd għal smigħ xieraq u mhux il-jedd li tkellem avukat qabel interrogazzjoni mill-pulizija (għalkemm issa dak il-jedd ingħata bis-saħħa ta' strumenti leġislativi oħra), u illi biex tgħid jekk tħarisx il-jedd għal smigħ xieraq trid tqis il-proċess kollu, u mhux biss episodju iżolat, sakemm ma jintweriex illi dak l-episodju kellu effett hekk drastiku illi ikkontamina l- proċess kollu.*

[2] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Settembru, 2019 (Rikors mahluf numru: 83/2016 LSO)
[3] Inċidentalment għandu jingħad illi din il-qorti ma taqbilx mal-ewwel qorti li l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ma huwiex applikabbli f'ċirkostanzi bħal dawk tal-każ tallum fejn l- istqarrija ttieħdet qabel ma nbdew proċeduri ġudizzjarji kontra l-persuna interrogata; ara e.g. Dominic Camilleri v. Avukat Generali, Kost. 2 ta' Marzu 2018, rik. kost. 47/2016, para. 13 et seqq. Dan qiegħed jingħad obiter, billi ma tressaqx appell minn dik il-parti tas-sentenza, iżda qiegħed jingħad biex ma jinħolqux preċedenti żbaljati. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata hamsa (5) fis-sentenza citata.)

*10. Madankollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din il- qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Gunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Generali*[4]*, illi ma jkunx għaqli – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil- produzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat.*

*11. Għaldaqstant tipprovdi dwar dan l-aggravju tal-avukat Generali billi tgħid illi, għalkemm ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq meta tteħditilha stqarrija, madankollu dik l-istqarrija ma għand- hiex tibqa' fl-inkartament tal-kawża kontriha.*'

L-istess Qorti qieset li:

'*18. Il-qorti tqis illi l-ordni li l-istqarrija titneħħa mill-inkartament, aktar milli rimedju għal ksur li, wara kollox, għadu ma seħħx, huwa garanzija tal- integrità tal-proċess u wkoll fl-interess pubbliku, biex ma jiġrix l- proċess kontra l-attriċi jkollu jitħassar wara li jintemm, b'ħela ta' ħin u riżorsi, li tkun forma oħra ta' inġustizzja għax il-liġijiet għandhom iħarsu mhux biss lil min hu mixli b'reat iżda wkoll lil min jista' jkun vittma ta' reat.*

*19. Il-qorti għalhekk terġa' ttenni li ma jkunx għaqli li jsir użu mill-istqarrija waqt il-proċess kriminali, u għal din ir-raġuni tiċħad ukoll dan l-aħħar aggravju.*'

Ghalhekk il-fattispeci huma diversi mill-kaz odjern stante li fil-kaz odjern l-akkuzat kien inghata d-dritt li jkellem Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija izda rrifjuta dan id-dritt. Li ma nghatax kien id-dritt li jkollu Avukat prezenti matul it-tehid tal-istqarrija.

[4] Rik. kost. 74/2014. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sitta (6) fis-sentenza citata.)

Illi bis-sahha tat-trasposizzjoni tad-'*Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal- libertà*' fil-Ligi ta' Malta li sehhet ftit wara li l-akkuzat irrilaxxa l-istqarrija tieghu, kien hemm tibdil sostanzjali f'dak li d-dritt ta' access ghal Avukat fi proceduri Kriminali kien jinkludi. L-artikolu 3 ta' din id-Direttiva jipprovdi:

***'Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali***

*1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati u akkużati jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat f'ħin u b'mod li l-persuni konċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw d- drittijiet tagħhom ta' difiża b'mod prattiku u b'mod effettiv.*

*2. Il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom aċċess għas-servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed. Fi kwalunkwe każ, il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat mill-mument l-aktar qrib minn dawn li ġejjin:*

*(a) qabel ma jiġu interrogati mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja;*

*(b) mat-twettiq minn awtorità ta' investigazzjoni jew awtorità kompetenti oħra ta' att investigattivi jew att ieħor ta' ġbir ta' provi skont il-punt (c) tal-paragrafu 3;*

*(c) mingħajr dewmien żejjed wara ċ-ċaħda tal-libertà;*

*(d) fejn ġew imħarrka biex jidhru quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, fi żmien debitu qabel ma jidhru quddiem dik il-qorti.*

*3. Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat għandu jimplika dan li ġej:*

*(a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li tiltaqa' fil-privat u tikkomunika mal-avukat li jirrappreżentaha, inkluż qabel*

*interrogazzjoni mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;*

*(b)* ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv meta hija tiġi interrogata. Tali parteċipazzjoni għandha tkun konformi mal-proċeduri taħt il-liġi nazzjonali, dment li tali proċeduri ma jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza tad-dritt konċernat. Fejn avukat jipparteċipa matul interrogazzjoni, il-fatt li saret tali parteċipazzjoni għandu jiġi rreġistrat bl-użu tal-proċedura ta' reġistrar f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru konċernat;***

*(c) għandhom, minn tal-inqas, ikollhom id-dritt li l-avukat tagħhom jattendi għall-avvenimenti investigattivi jew l-attita' ġbir ta' provi li ġejjin,fejn dawk l-atti huma previsti fil-liġi nazzjonali u jekk il-persuna suspettata jew akkużata hija meħtieġa jew permessa li tattendi l-att konċernat:*

*(i) ringieli ta' persuni għall-identifikazzjoni;*

*(ii) konfrontazzjonijiet;*

*(iii) rikostruzzjonijiet sperimentali tax-xena tar-reat kriminali.*

*4. L-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom li jagħmlu l-informazzjoni ġenerali disponibbli biex jagħmluha faċli għall- persuni suspettati jew akkużati li jsibu avukat.*

*Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali dwar il-preżenza obbligatorja ta' avukat, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l- arranġamenti meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati li jinċaħdu mil-libertà tagħhom ikunu f'pożizzjoni li jeżerċitaw b'mod effettiv id-dritt tagħhom ta' aċċess għas- servizzi ta' avukat, sakemm ma jkunux irrinunzjaw dak id- dritt f'konformità mal-Artikolu 9.*

*5. Huwa f'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il- kawża li l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tal-punt (c) tal-paragrafu 2 fejn id-distanza ġeografikament 'il bogħod ta' persuna suspettata jew akkużata tagħmilha impossibbli*

*li jiġi żgurat id-dritt ta' aċċess għas- servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed wara li persuna tkun inċaħdet mil-libertà tagħha.*

*6. F'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il- kawża, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tad-drittijiet previsti fil-paragrafu 3 sakemm dan ikun iġġustifikat fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, abbażi ta' waħda mir-raġunijiet konvinċenti li ġejjin:*

*(a) fejn hemm ħtieġa urġenti li jkunu evitati konsegwenzi negattivi serji għall-ħajja, il-libertà jew l-integrità fiżika ta' persuna;*

*(b) fejn l-azzjoni immedjata mill-awtoritajiet investigattivi tkun essenzjali biex jiġu evitati li l-proċedimenti kriminali jiġu pperikolati b'mod sostanzjali.'* (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Ghalhekk illum il-gurnata il-ligi tipprovdi ghad-dritt ghal suspettat jew akkuzat sabiex mhux biss jikkonsulta ma' Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija izda anke sabiex ikollu Avukat prezenti mill-bidu nett tal-investigazzjoni inkluz matul it-tehid tal-istqarrija. Nonostante li ma hemmx uniformita' fil-gurisprudenza fis-sens li ricentement il-Qrati saru jikkunsidraw il-proceduri fl-intier taghhom biex jiddeciedu jekk kienx hemm lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq u ghalhekk il-fatt li stqarrija tkun giet rilaxxata minghajr il-prezenza tal-Avukat mhijiex dejjem tigi kkunsidrata bhala lezjoni ghad-dritt ghal smiegh xieraq, din il-Qorti tqis li stante li jirrizulta li fil-kaz odjern l-akkuzat ma kellux id-dritt li jkollu Avukat prezenti matul it-tehid tal-istqarrija innifisha, din il-Qorti filwaqt li bl-ebda mod ma hija tiddikjara li l-istqarrija rilaxxata tilledi d-dritt ghal smiegh xieraq, sabiex ma jkunx hemm lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq stante li din il-Qorti hija tal-fehma li dak li jkun sehh matul l-investigazzjoni inkluz it-tehid tal-istqarrija minghajr Avukat prezenti jista' jkun ta' pregudizzju ghall-akkuzat, ma ghandhiex tikkunsidra l-istqarrija bhala prova ammissibli u ghalhekk din il-Qorti qieghda tilqa' din l-eccezzjoni u ghalkemm mhijiex sejra tisfilza l-istqarrija kif mitlub mill-appellant, sejra izda tiskarta din l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat fl- 4 ta' April 2016 u anke kwalunkwe referenza li ssir ghal kontenut tal-istqarrija jew ghal dak li l-akkuzat setgha qal matul l-investigazzjoni minghajr ma kellu Avukat prezenti.

Din il-Qorti sejra ghalhekk tghaddi biex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant.

Ikkunsidrat;

L-appellant issottometta li ma kienx ippruvat li kien hu li effettivament seraq dawn l-oggetti u dan abbazi li mid-data u hin u fejn kien misjub huwa stess, u cioe mhux fil-VW Golf li kellha l-oggetti misruqa moghbija fiha, hemm distakk konsiderevoli sabiex jkun hemm nexus mehtieg ghal prova lil hinn minn dubju ragonevoli sabiex tinstab htija. Issottometta li ma nstabet l-ebda prova forensika bhal marki tas-swaba li jimplika lill-appellant mas-serqiet addebbitati fl-akkuzat. Li gie stabbilit li l-eks siehba tieghu wkoll kellha cavetta tal-istess vettura li fiha kien hemm l-oggetti misruqa. Li huwa pacifiku l-prassi waqt investigazjzoni illi anka waqt perkwisizzjoni mill-Pulizija, is-suspettat irid ikun prezenti sabiex ikun eliminat il-possibilta' ta' kontaminazzjoni, jew aghar, illi l-provi u cioe' rifurtiva ma tkunx tista tkun stabbilit min verament poggieha fil-vettura bhal kaz in ezami. Issottometta li is-sempliciment pulizija waqt ronda jilmhu vettura li numru taghha registrazzjoni jkun ben maghrfu maghhom izda ghal xi raguni jew ohra ma jkunux waqfuha bix-xufier prezenti fiha u ssir id-debita tfittxija fiha, jallontana il-probabilita' illi prosekuzzjoni tkun konkluza b'success ghall-istess prosekuzzjoni. Dan minhabba l-fatt li hadd ma jista' jghid min saqha wara diversi sieghat, jew ergo anke jekk minghajr pregudizzju kien l-appellant li kien qed isuqha meta rawh PC450 u PC899 kif xehdu fl-udjenza datata l-21 ta' April 2016 ebda prova ma kienet prodotta illi l-oggetti kienu verament gewwa l-Golf msemmi u dan iktar u iktar meta l-appellant effettivament kien interrogat u tressaq iktar minn tlett gimghat wara is-serqiet msemmija mill-Mosta li sehhew fis-16 ta' Marzu 2016. Li jsegwi ukoll li x-xhieda prodotti u cioe' PC 450 Chris Bartolo u PC 899 Vella, stazzjonati Rapid Intervention Unit, jghidu li segwew lil vettura u min kien qed isuqha, ghalhekk isaqsi ghala ma waqfuhiex meta vettura ta' din l-iskwadra tar-Rapid Intervention huma veolocissimi u apparti jsejhu ghajnuna

ta' izjed vetturi sabiex f'pajjiz zghir bhal Malta irendu l-prossibilta li vettura tisgicca ghal kwazi impossibli.

Din il-Qorti sejra in succint tqis il-provi li tressqu sabiex tikkunsidra jekk l-imputazzjonijiet ta' serq, hsara volontarja u pussess ta' oggetti li kienux tal-kundizzjoni tieghu jew ta' ghodod tajbin ghal sgassar gewx ippruvati sufficentement. L-**Ispettur Saviour Baldacchino** fit- 12 ta' April 2016 xehed li fis- 16 ta' Marzu 2016 ghal habta tal-hdax ta' filghodu kien hemm membri tar-Rapid Intervention Unit PC 450 u PC 899 li kienu qed jippatroljaw l-area tan-North u waqt li kienu qeghdin fil-vicinanzi tal-istabbiliment Qronfla li jigi bejn in-Naxxar u l-Mosta innutaw karozza tal-ghamla Volkswagen Blue bin-numru ta' registrazzjoni AAP 348 li go fiha kien hemm is-Sur Stephen Borg li qieghed prezenti bhala l-akkuzat f'dawn il-proceduri flimkien ma dak iz-zmien kienet il-partner tieghu u cioe' certu Antonella Vella. Xehed li '*Il-Pulizija ukoll innutaw illi l-karozza l-Volkswagen blue kienet mimlija b'hafna oggetti go fiha, setghu jinnutaw li kienet mimlija kollha u ghaldaqstant peress li kienu jafu lis-Sur Stephen Borg ghokrithom ghajnejhom.*'. Waqt li ghamlu *u turn* biex imorru jiltaqghu ma' din il-vettura, il-vettura ma kinitx ghadha hemmhekk jigifieri kienet telqet minn fuq il-post. Kienu ppruvaw iffitxuha fl-inhawi imma fl-inhawi ma sabuhiex. Iktar tard ghal habta tal-hdax u nofs qisu xi nofs siegha wara l-istess Pulizija nnutaw l-istess vettura pparkegjatha fi Ignazio Saverio Mifsud Street, Birkirkara. Huma f'xi hin kienu sejrin fuqha nnutaw li fil-vicinanzi tal-vettura kien hemm Antonella Vella li dak iz-zmien kienet it-tfajla ta' Stephen Borg. Stephen Borg ma kienx qieghed fuq il-post. Mill-ewwel kellmu lis-Sinjorina Vella u qalulha biex tispjegalhom l-affarijiet li kien hemm gol-vettura x'kienu. Spjegat li '*Hi qaltilhom illi ma kinitx taf ezattament x'kienu dawk l-affarijiet u kienet qaltilhom ukoll li kienet iktar kmieni mas-Sur Stephen Borg illi ma kienx ghadu qieghed fuq il-post, kienet hallietu hdejn il-vettura imma kien lahaq telaq.*' Innutaw li l-karozza la kienet koperta b'polza tal-assikurazzjoni u lanqas kienet illicenzjata ghat-triq tant li din il-vettura tghajjat lil Sultan Dabous.

Xehed li aktar tard ghal habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar l-Ghassa tal-Mosta rcevew rapport permezz ta' telefonata minghand certu persuna li jismu Kenneth Cocks li nfurmahom li kien ghadu kif gie misruq, kien sab il-garaxx tieghu miftuh. Dan il-garaxx jinsab f'22, Triq Walter Salamone, Mosta, il-Pulizija marru fuq il-post u nnutaw li kien hemm sgass fuq il-bieb. Kien insteraq hafna equipment li kien tar-ragel tat-tifla tieghu u cioe' ta' certu Elton Zarb, xi gagga torka, xi gakk tal-karozza ukoll. Fil-vettura, meta saret it-tfittxija nstabu bosta affarijiet. Huwa prezenza ritratti tal-oggetti li nstabu fil-karozza Volkswagen li kienet ittowjata u migjuba gewwa c-CID yard. Dawn ir-ritratti gew immarkati bhala Dok SB1 sa SB15.

Iktar tard matul il-gurnata qisu ghas-sebgha u nofs ta' filghaxija irraporta ukoll certu Liam Pace gewwa l-Ghassa tal-Mosta li kien sab il-garaxx tieghu li kien sitwat fi Triq il-Kbira, l-Mosta li kien sgassat u kien hemm diversi oggetti minn gol-garage li kienu neqsin. Irraporta li kien hemm toolbox nieqsa, qalilhom li kienet kulur iswed u isfar, driller tal-idejn Black & Decker u xi ghodod ohrajn fosthom kien hemm affarijiet ohrajn bhal bicycle tal-ghamla *fat boy* u kien hemm karozza minn dawn tat-tfal tal-batteries Peg Perego. Informa lis-Sur Pace u lis-Sur Cocks flimkien mar-ragel tat-tifla tieghu s-Sur Elton Zarb sabiex jattendu gewwa l-ufficju tieghu sabiex jaraw jekk jaghrfu xi oggetti minn dawk l-affarijiet li gew elevati minn gol-Volkswagen li kienet qieghda gewwa s-CID yard. Is-Sur Elton Zarb u s-Sur Cocks identifikaw l-affarijiet li kienu gew allegatament misruqa mill-garaxx taghhom li jidhru fir-ritratti SB1 sa SB 3 u SB 5 sa SB 8. Dawn gew identifikati mis-Sur Elton Zarb u s-Sur Cocks. Gew fotografati u gew moghtja lura. Is-Sur Pace ukoll attenda l-ufficju u gharaf l-oggetti li jidhru fir-ritratti SB4 u SB 9 sa SB 12. Dawn gew mghoddija lil sidhom.

Saret referenza ghar-ritratt SB 13 fejn jidhru diversi ghoddod li huma suspettati li gew uzati sabiex isir l-isgass taz-zewg garaxxijiet li gew misjuba ukoll fil-Volkswagen li kienet giet ittowjatha u kienu konfiskati. Kienu kellmu lis-Sinjorina Antonella li '*regghet irrepetiet li kienet qeghda flimkien mas-Sur Stephen Borg. Kienet qaltilna ukoll illi hi ma kinitx involuta fiz-zewg serqiet qaltilna ukoll illi hi ma kinitx involuta fiz-zewg serqiet li kienet biss involuta f' serqa minnhom li ma tafx tghidilna ezatti fejn u kif u*

*x' fatta pero' qaltilna illi dawn l-oggetti li kienu misjubin fil-karozza ma kienux qeghdin hemmhekk il-gurnata ta' qabel.'* Hi qaltilhom li dik il-gurnata attendiet gewwa l-isptar fejn kien wassalha is-Sur Stephen Borg li kien il-boyfriend taghha, is-sur Stephen Borg kien mar ghaliha fejn kellu bosta affarijiet fil-karozza li ma kienx taghha spjegazzjoni ghalfejn kienu hemmhekk pero' qabel ma kienux qeghdin hemmhekk. Ma kinitx taf fejn kien qieghed Stephen Borg. Huwa ressaq lis-Sinjorina Vella bl-akkuzi ta' serq ta' dawn l-oggetti. Spjega li qabel dan, hija kienet ammettiet l-involviment taghha u anke kienet qaltilhom bl-involviment tas-Sur Stephen Borg u kien irilaxxaha bil-*police bail* u qaltilha biex tigi lura mas-Sur Borg izda fit-2 ta' Marzu bil-police bail giet wahedha minghajr is-Sur Borg u ghalhekk resssaqha fl-24 ta' Marzu. L-appellant Stephen Borg gie arrestat fl-4 ta' April in segwitu ta' mandat ta arrest fejn gie arrestat fil-Kunsill Lokali ta' Birkirkara. Is-Sinjorina Vella bidlet il-verzjoni kompletament u qalet li s-Sur Stephen Borg ma ghandux x'jaqsam ma' dan il-kaz, li '*hi qed taghmel hekk ghaliex m' ghadhomx flimkien u qed tivvendika ruhha minnu. Qaltilna li hi ghandna, ghandha, kienet qed taghmel din is-serqa ma' persuna ohra u ma riditx tghidilna min hu u li s-Sur Stephen Borg m'ghandux ghalfejn jigi interrogat u investigat.*' Qaltilhom li ma kienux ghadhom f'relazzjoni. Ittiehdet l-istqarrija ta' Stephen Borg izda kif gia inghad din il-Qorti sejra tiskartaha u ghalhekk mhijiex sejra ssir referenza ghal kontenut taghha.

Fil-21 ta' April 2016 xehed **Elton Zarb** li f'Marzu kien cempillu missier il-mara li jismu Kenneth Cocks li sab il-bieb tal-garage miftuh. Id-data kienet x'imkien lejn it-tmintax (18). Qallu li sab il-bieb tal-garaxx miftuh u hemm xi affarijiet neqsin, dan jinsab il-Mosta. Sab affarijiet neqsin, affarijiet tieghu li kien juza gewwa recording studio tieghu kienu qeghdin storjati hemmhekk. Huwa gie muri r-ritratt u kkonferma li SB1, DB 2[5] u SB 3 huma tieghu, SB6 tieghu ukoll hemm zewg speakers, zewg amplifiers, mini disc u compressor. SB 8 tieghu ukoll. Huwa kien identifikahom u hadhom mieghu d-dar. Spjega li '*Il-valur jiena dakinhar kont ghidt illi l-valur, l-affarijiet li ghandi neqsin kienu jitilghu xi €5000, meta mbaghad kont ikkalkulajt kollox kelli xi affarijiet ohrajn id-dar ikkalkulajt bejn wiehed u iehor ic-cifra qeghda xi €1800*

[5] Li din il-Qorti qieghda tifhem li ghandu jaqra 'SB 2'

*xi haga hekk.*' Jikkonferma li l-valur propju huwa ta' xi €1800. Mistoqsi mill-Qorti '*Jigifieri qed jghidlek li l-ewwel indika illi l-valur kien €5000 u mbaghad naqsu ghax induna li certu affarijiet ma kienux neqsin imma kienu d-dar*' u wiegeb '*Ezatt*'.

Fl-istess seduta xehed **Kenneth Cocks** bil-lingwa Ingliza li ghandu garaxx il-Mosta, spjega li '*The night before I found the stuff missing I was, the evening I found the equipment missing*'. Xehed li dan kien fil-hmistax (15) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) '*I took a van there to remove some of the seats for work the next day and when I closed up at half past six in the evening I locked it with a padlock and with the main key, the core key everything was secure. The next day after I finished working at half past two in the afternoon I went back in the garage to collect the seats and found that the padlock had been broken off and the core lock had been smashed in and that there was certain equipment missing from the garage*'. Gie muri ritratti u ikkonferma li l-equipment ta' musika huma ta' Elton Zarb u dawn kienu fil-garaxx. Dok SB7 huwa '*ornamental bird cage*' u hija tax-xhud, Dok SB6 huma equipment musikali u speakers tas-*son in law* u anke set speakers li jidhru f'SB5. SB2, SB3 u SB1 huma contianers tal-contact discs ukoll tas-*son in law*. Kienu kollha neqsin u meta marru d-Depot filghaxija rawhom fl-ufficju ta' xi hadd id-Depot.

Vittma ohra kien **Liam Pace** li xehed fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2016 li spjega li kellu l-garaxx misruq ghalkemm ma jiftakarx id-data izda din is-sena, jghid li ilu xi tlett xhur. Il-garaxx jinsab taht id-dar gewwa Main Street Mosta fejn kien irritorna mix-xoghol ghal habta tas-sebgha ta' filghaxija u meta rritorna biex idahhal il-karozza fil-garaxx induna li l-garaxx kien sgassat, sab il-katnazz li s-soltu jaghlaq il-garaxx bih ma kienx f'postu u l-garaxx kien maghluq b'turnavit tieghi stess gol-flap li s-soltu taghlaq il-katnazz. Spjega li mill-ewwel induna li kien hemm xi haga mhux f'lokha u li x'hin fetah il-garaxx sab numru ta' affarijiet neqsin. Wara li nduna x'gara bazikament niezel l-Ghassa tal-Mosta, ghamel ir-rapport li nsterqu xi affarijiet u taghhom rendikont ta' dawk l-affarijiet li dak il-hin induna li kienu misruqin. Ikkonferma li dak li jidher f'SB 4 huwa tieghu, drill tal-marka Black and Decker huwa tieghu, SB13 hemm numru ta' ghodda, pliers differenti tieghu izda mhux

kollha tieghu, fil-fatt l-imqas il-kbir il-blu, il-crow bar u turnavit ahmar mhux tieghu. Ikkonferma li extension tad-dawl li jidher f'SB 14 tieghu, tool box f'SB 9 tieghu u l-istess toolbox maghluq li tidher f'SB10 tieghu ukoll. SB11 huwa sett weights go bagalja griza tieghu ukoll u SB 2 li hija karozza tat-tfal tad-ditta Peg Perego tieghu ukoll. Kien ikkuntatjat mid-Depot u mar jara l-affarijiet u tawh ricevuta li gabarhom. Rota ta' cirka 800 ewro ma kinitx instabet. Inserqet dakinhar ukoll mill-garaxx. Huwa ma ghandux valur partikolari ghall-affarijiet l-ohra.

Xhieda krucjali hija dik tal-Pulizija li jghidu li gharfu lill-akkuzat. PC 450 Christopher Bartolo xehed li '*Dakinhar tas-16 ta' Marzu ta' din is-sena ghall-habta tal-ghaxra u nofs waqt li kont qieghed Patrol bejn in-Naxxar u l-Mosta ezattament fit-telgha ta' wara l-Mosta Techno park Triq Frangisku Pisani*'. Xehed li '*Kif dort ezatt rajt karozza niezla kontrina Volkswagen bin-number plates AAP 348. Dak il-hin kemm jien u l-kollega taghna ndunajna*'. Jghid li l-Volkswagen kienet ta' kulur blu u li '*Kien diga kellna xi rapporti fuqha din il-karozza, konna gia' nfurmati li din il-karozza qeghda bla licenzja u bla insurance u mhux suppost tinstaq fit-triq u xi instructions ohrajn. Ghalhekk sa kemm dawwart peress illi t-triq hija daqsxejn wahda perikoluza u traffikuza biex iddawwwar fiha dawwart u pruvajna niffolowjaw il-karozza biss din lahqet harbet. Peress li konna ghax kif ghidtlek kellna xi rapporti fuqha konna nafu l-persuna fejn jiffrekwenta u fejn ikun u soqna lejn Birkirkara u bdejna nduru l-area t'hemmhekk.*' Spjega li huwa jaghraf l-imputat u jghid li '*Kien qed isuq il-vettura plus li gieli kont narah qabel fuq xi xoghol iehor. Allura dak il-hin li jiena rajtu nsuq mill-ewwel u ndunajna isma' dan il-persuna huwa ta' certu informazzjoni ghalina. Ghalhekk imbaghad morna nduru fejn toqghod, fejn kellna nformazzjoni toqghod ommu gewwa Birkirkara u kif qed induru l-area ezatt fi Triq Guze Borg Birkirkara iltqajna mal-istess karozza mitfghuha bl-addocc fil-genb bit-twieqi mnizzlin bic-cwievet ghadhom fl-ignition, xi pouchs gewwa u iktar affarijiet li rajna u konna gia' nnutajnihom qabel kienu ghadhom kollox go fiha. Jiena bqajt mal-karozza tax-xoghol u mal-karozza l-Volkswagen*'. Mistoqsi kif setghu jaraw l-affarijiet gol-karozza wiegeb li '*Il-karozza kienet miftuha, it-twieqi mnizlin, ic-cwievet ghadhom gol-ignition, u mill-gol-hgieg tal-karozza stajna naraw l-affarijiet kollha li kien hemm go fiha. Ghax kien hemm xi scooter tat-tfal kien qieghed fl-gholi hekk jidher u kien hemm xi affarijiet ohra bhal xi gaga jekk mhux sejjer zball u iktar affarijiet. Imbaghad il-kollega tieghi dahal idur fil-gnien illi kien hemm*

*ezatt fl-istess triq fejn sibna l-karozza hemm xi restuarant ukoll dahal idur u sab lil certu Antonella Vella illi din mid-dehra hija t-tfajla ta' Stephen Borg. Bdejna nsaqsu fejn hu Stephen li beda jsuq il-karozza biss din ma rrisponditniex u minn hemmhekk kellna ninfurmaw lis-Superjuri taghna li sibna l-karozza li konna kemm rajna qabel biss ix-xufier ma sibnihx.'* Il-karozza ttiehdet permezz ta' low loader u jekk mhux sejjer zball ittiehdet id-Depot fil-prezenza tal-Pulizija tas-CID.

**PC 899 Jean Paul Vella** xehed fis-seduta tal-21 ta' April 2016 xehed li '*Fis-16 ta' Marzu ta' din is-sena ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' filghodu konna qeghdin patrol fi Triq Frangisku Pisani l-Mosta u ninsertaw lil Stephen Borg kif ukoll lil Antonella Vella go Volkswagen blue AAP 348*' Huwa gharaf lill-imputat jghid li '*stajt ninnota sewwa li Stephen waqt li kien qed isuq beda jzomm warajh xi oggetti. Tant kemm kienet il-vettura mghobbija biex ma jigux l-affarijiet ghal quddiem.*' Spjega li '*B'id wahda jsuq u l-ohra jzomm l-affarijiet warajh*'. Spjega li '*Hekk kif ghaddejna minn mieghu sa kemm dawwarna tlifnih. Xi gimgha qabel kellna xi nformazzjoni fuq xi vettura bhal tieghu fi Triq t'ommu stess fejn morna hemmhekk fejn il-kazin tal-Bahri Birkirkara u ftit mhux 'il boghod fit-triq Guze Borg gewwa Birkirkara sibna l-vettura ipparkjata ta' maljar, mitluqa ta' malajr miftuha, bic-cavetta gol-ignition*'. Jghid li '*Fil-parking bay nofsha barra u nofsha gewwa qisu, bit-twieqi mnizlin, cavetta gol-ignition. Kellu basket fuq is-seat tax-xufier u go wara stajna naraw kaxxi kbar tad-DVD's hekk aluminium, xi ghodod kif ukoll kellu ukoll qisu buggy tat-tfal.*' Gie muri SB 2, SB 3 u SB 1 u qal li rahom gol-vettura. Ra ukoll dok SB12, il-buggy li semma hu tat-tfal gol-vettura AAP 348. Xehed li '*Gol-vettura dak il-hin ma kien hemm hadd. Il-vettura kienet ipparkjata fejn qisu bandli u kien hemm qisu bar, restaurant miftuh. Dhalt go fih nitawwal jiena gewwa ma kien hemm hadd minn dawn it-tnejn. Hekk kif hrigt barra ninserta lis-Sinjura Antonella Vella li kienet passiggiera mieghu dak il-hin x'hin rajnihom l-ewwel darba, waqqaftha. Hi kienet sejra 'l boghod mill-vettura mhux kienet sejra lejn il-vettura terga', kienet sejra 'l boghod mill-vettura. Ghajjattilha biex tigi hdejja, tajtha t-twissija tas-soltu fuq suspett ta' serq. Minn hemmhekk cempilna l-ufficjali taghna u gew fuq il-post*'. Il-vettura giet ittowjatha u mehuda l-garaxx. L-affarijiet gew issigilati.

**PS 1586 Ronnie Attard** fis- 17 ta' Gunju 2016 xehed li '*Fis-16 ta' Marzu gejna nfurmati li kien sar sgass go garage fejn jiena mort fuq il-post u rrizulta garage number 22 Triq Walter*

*S Salamone Mosta. Hemmhekk kellimt ma' missier l-owner certu Kenneth Cox fejn rajna x' hemm u x' ma kien hemm nieqes, ghamilt rapport, infurmajt lill-iSpettur tieghi lis-Sur Curmi kif ukoll lis-Sur Baldacchino tas-CID'*. Huwa prezenza l-okkorrenza relattiva bhala Dok RA1. Dakinhar stess, aktar tard dakinhar stess ghal habta tat-tmienja nieqes ghaxra gie Liam Pace l-Ghassa tal-Mosta fejn infurmahom li kellu l-garaxx sgassat ukoll. Mar fuq il-post u hejja rapport rigward x'sab u ma sabx, infurma lill-Ispettur tieghu lis-Sur Curmi kif ukoll is-Sur Baldacchino dwar l-incident. L-okkorenza giet immarkata bhal Dok. RA2.

Fir-rapport tal-Pulizija li jinsab a fol 92 u mmarkat bhala RA1 liema rapport huwa datat is- 16 ta' Marzu 2016 tnizzel fost fatti ohra li '*Today the 16/03/2016 at about 15:00hrs the divisional police were informed by means of a telephone call, were the caller identified himself as Kenneth Cocks(listed as p/f/r), who from his end same stated that he had just found his garage door forced open.*

*Upon said information the afore mentioned police called onsite and spoke to Mr Cocks, who from his end same stated that he last saw the garage door intact was yesterday the 15/03/2016 at about 18:20hrs and today the 16/03/2016 at about 14:15hrs he called there at and discovered that person/s unknown forced open the garage door and from the inside the culprit/s took and caried away various DJ equipment.*

*Mr. Cocks pointed out that the equipment belongs to his son in law namely Elton Zarb listed as victim, Mr Cocks also stated that his son in law informed him that the equipment in all is valued about 5000 euro.*

*It is to be pointed out that the padlock was noted inside the garage in question damaged, also the cylinder of the garage door lock was nowhere to be found.'*

Fl-istess rapport tnizzel li '*On the 16th March 2016, whilst patrolling along Mosta roads, RIU Police noticed the persons related inside vehicle if Make Volskwagen who where acting suspicious. As the Riu Police manoeuvred the vehicle to make a U-turn and inspect the vehicle in question, Stephen Borg A/K/A il-Melliehi disappeared into thin air whereas*

*Antonella Vella was apprehended in possession  of several objects which corresponded to the theft in question (before the report was lodged)*

*Vella was arrested and investigated for theft*' L-istess rapport jipprovdi li tressqet il-Qorti, wiegbet li mhux hatja u inzammet taht arrest.

Fir-rapport tal-Pulizija li jinsab a fol 95 et sequitur immarkat bhala RA2 datat s- 16 ta' Marzu 2016  maghmul minn Liam Pace tnizzel li '*Compl. called at Mosta police station and stated that as he arrived back home and went to put his vehicle inside his garage, his noticed that he padlock flap on the garage door closed by means of a screw driver. (small tester)*
*Same continued to state that he opened the said garage and noticed that various items were missing, ex Tool box, coloured black and yellow, hand drill, black and deker, various hand tools, bicycle (make Fat Boy) coloured black and white valued about 800euro and a battery operated kids car coloured red and black Compl. pointed out that the padlock was nowhere to be found, also same doesn't suspect in any one. It is to be pointed out that the garage door locked is damaged from a previous incident, since some time ago the same garage was forced open. So the garage door in question was only locked by means of a padlock.*'

F'update fl-istess rapport tnizzel li '*On the 16th March 2016, whilst patrolling along Mosta roads, RIU Police noticed the persons related inside vehicle if Make Volskwagen who where acting suspicious. As the Riu Police manoeuvred the vehicle to make a U-turn and inspect the vehicle in question, Stephen Borg A/K/A il-Melliehi disappeared into thin air whereas Antonella Vella was apprehened in possession  of several objects which corresponded to the theft in question (before the report was lodged)*

*Vella was arrested and investigated for theft*' L-istess rapport jipprovdi li tressqet il-Qorti, wiegbet li mhux hatja u inzammet taht arrest.

**PS 430 Andrew St John**  xehed fit- 8 ta' Lulju 2016 fejn spjega li fl- 4 ta' April kienu qed ifittxu lil Stephen Borg li gharaf fl-awla in konnessjoni ma' serqa li kienet saret minn go giex garaxxijiet gewwa l-Mosta fejn kienu gabru informazzjoni li kien se

jkun filghodu kmieni fic-Centru Civiku ta' Birkirkara. Xehed li ghal habta tat-tmienja u nofs kienu qeghdin diga' hemmhekk fejn sponta fil-bieb ta' barra diehel 'il gewwa goc-Centru Civiku, Stephen Borg fejn kien hemm wiehed mill-Pulizija taghhom u kien qed jakkumpanja lill-Ispettur s-Sur Baldacchino. Stephen Borg kien qieghed b'hood tat-top imtella parzjalment jghatti l-gnub ta' wiccu diehel 'il gewwa. Gie arrestat u infurmawh dwar l-arrest tieghu u ttiehed is-CID. Xehed li '*Fil-hin tal-investigazzjonijiet tul l-investigazzjoni sussegwentement tajjeb wiehed jghid ukoll illi mid-dar tal-mama tieghu jiena personali gbart cavetta ta' vettura in konnessjoni ma' dan il-kaz partikolari li hija Volskwagen Golf numru ta registrazzjoni AAP 348 Volkswagen Golf ta' kulur blu*'. Fost affarijiet ohra ikkonferma li l-ufficju in konnessjoni ma' din is-serqa tkellmu ma' Antonella jekk mhux sejjer zball kunjomha Vella.

**Dr Joseph Saliba** fis-seduta tas- 17 ta' Gunju 2016 xehed dwar ceritifikat datat l- 1 ta' Marzu 2016, ikkonferma li inhareg minnu u spjega li l-appellant ghandu l-kundizzjoni ta' ADHD jigifieri Attention Deficit Hyperactive Disorder, ghandu problema ta' dipressjoni li xi kultant tkun qawwija u jkun hemm espisodji fejn ikun psikotiku. Bhalissa kemm ilu l-habs huwa stabbli, qed jiehu l-methadone u qieghed clean. Gie mistoqsi dwar certifkat iehor datat il-hmistax ta' Marzu u hu qal li dati differenti izda kontenut l-istess. Spjega li '*dawn huma t-tnejn kopji fotokopji pero' jiena naghraf il-handwriting tieghi u jidher illi 1.3.16 hija dik li ktibt jien bil-kalligrafija tieghi u 15.3.16 m'hijiex li ktibt jiena. U anke jekk thares lejn l-istruttura tan-numbers huma differenti minn tieghi u anki l-biro differenti wahda hoxna u l-ohra rqiqa. Jigifieri jiena m' hemmx dubju li dik m' hijiex id-data li ktibt jien' izda l-kontenut l-istess.*' Dawn iz-zewg certifikati medici b'kontenut l-istess izda b'dati diversi jinsabu esebiti a fol 64[6] u 103[7].

Ikkunsidrat;

Illi dak li fl-ewwel lok trid tistharreg minn din il-Qorti huwa jekk il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni humiex bizzejjed biex jorbtu lill-appellant mar-reati ta' serq. Kif

---

[6] Prezentat mill-Ispettur Saviour Baldacchino fis-seduta tal-21 ta' April, 2016.
[7] Esebiet flimkien ma' nota tal-imputat a fol 102.

meqjus fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Neil Harrison) vs Raymond Azzopardi'</u>**[8]:

*'...din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi sakemm il-konkluzzjoni tal- Ewwel Qorti ma tkunx tidher li hija legalment jew logikament zbaljata w sakemm ma tkunx tidher li hija wahda "unsafe and unsatisfactory".*

*Hekk gie ritenut li :-*

*"Hu principju stabilit fil-gurisprudenza li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall- konkluzzjoni li waslet ghaliha." (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Amadeo Brincat et." [6.6.1994] per V. De Gaetano J. )*

*u*

*"Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id- diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill- Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal- istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragonevoli fil-konkluzzjoni taghha." (ara :App. Krim. "l-Pulizija vs. Raymond Psaila et." [12.5.1994] , "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra" [10.5.2002] u ohrajn.)'*

Dak li jirrizulta car mill-atti huwa li l-Pulizija li kienu fuq patrol kienu gharfu lill-imputat bejn il-Mosta u n-Naxxar li kien qieghed isuq vettura mimlija affarijiet. Jirrizulta li sakemm dawru sabiex isegwu lill-appellant, il-Pulizija ma lahqux din il-vettura izda wara li saqu lejn Birkirkara, din il-vettura instabet ipparkeggata bic-cavetta ghada fl-ignition, twieqi imnizzzla u mimlija oggetti. Jirrizulta li fil-vicinanzi kien hemm Antonella Vella li precedentement kienet passigiera f'din il-vettura. Antonella Vella kienet ikkonfermat li kienet mal-appellant aktar kmieni izda li ma kintix taf x'sar minnu ghalkemm aktar il' quddiem waqt l-investigazzjoni tibdel il-verzjoni u tghid li l-appellant ma kienx involut f'dawn is-serqiet. Antonella Vella ma xehditx f'dawn il-proceduri u in oltre' hija akkuzata f'proceduri separati dwar dawn l-allegati serqiet u ghalhekk din il-Qorti mhijiex sejra tqis dak li Antonella Vella

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' April, 2003 (Appell Kriminali numru: 199/2002)

stqarret dwar l-involviment o meno tal-appellant. Filfatt fis-seduta tat- 3 ta' Gunju 2016 gie verbalizzat li '*Dehret Antonella Vella li ghazlet li ma tixhidx biex ma tinkriminax ruhha peress li hemm proceduri ghaddejjin fil-konfront taghha.*' Fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2018 Antonella vella ghazlet li ma tixhidx fil-konfront tal-imputat stante li hemm proceduri fil-konfront taghha. Ghalhekk din il-Qorti sejra tistrieh fuq il-kumplament tal-provi mressqa quddiem din il-Qorti.

Dak li jibqa' ghalhekk huma z-zewg pulizija li raw lil imputat fil-vettura in kwistjoni mimlija oggetti fil-lokalita' fejn aktar tard fl-istess jum gew rapportati s-serqiet. Jirrizulta li uhud minn dawn l-oggetti li instabu fil-vettura li aktar kmieni kienet misjuqa mill-appellant gew identifikati mid-derubati.

Dwar l-oggetti li nstabu fil-vettura, PC 450 Christopher Bartolo fis-seduta tal- 21 ta' April 2016 xehed li '*imbaghad morna nduru fejn toqghod, fejn kellna informazzjoni toqghod ommu gewwa Birkirkara u kif qed induru l-area ezatt fi Triq Guze Borg Birkirkara iltqajna mal-istess karozza mitfghuha bl-addocc fil-genb bit-twieqi mnizzlin bic-cievet ghadhom fl-ignition, xi pouches gewwa u iktar affarijiet li rajna u* ***<u>konna gia' nnutajnihom qabel kienu ghadhom kollox go fiha</u>***.' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.) Spjega li '*Il-karozza kienet miftuha, it-twieqi mnizlin, ic-cwievet ghadhom gol-ignition, u mill-gol-hgieg tal-karozza stajna naraw l-affarijiet kollha li kien hemm go fiha. Ghax kien hemm xi scooter tat-tfal kien qieghed fl-gholi hekk jidher u kien hemm xi affarijiet ohra bhal xi gaga jekk mhux sejjer zball u iktar affarijiet.*' **PC 899 Jean Paul Vella** fis-seduta tal- 21 ta' April 2016 xehed '*Li stajt ninnota sewwa li Stephen waqt li kien qed isuq beda jzomm warajh xi oggetti. Tant kemm kienet il-vettura mghobbija biex ma jigux l-affarijiet ghal quddiem.*' Huwa xehed dwar oggetti li instabu fil-vettura wara li instabet ipparkegjata fejn izda Stephen Borg ma kienx ghadu fuq il-post. Spjega li '*Fil-parking bay nofsha barra u nofsha gewwa qisu, bit-twieqi mnizlin, cavetta gol-ignition. Kellu basket fuq is-seat tax-xufier u go wara stajna naraw kaxxi kbar tad-DVD's hekk aluminium, xi ghodod kif ukoll kellu ukoll qisu buggy tat-tfal.*' Ikkonferma li SB 2, SB 3 u SB 1 huma dawk li ra fuq il-post gol-vettura. Ikkonferma li f'Dok SB12 hemm '*buggy li semmejt jiena tat-tfal*' u rah fil-vettura.

Dwar it-theory of recent possession, fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija (Spettur Charlotte Curmi) Vs Christopher Scerri</u>**'[9] gie kkunsidrat li:

*'Jibda biex jinghad illi l-appellant gie misjub hati tas-serqa li sehhet fis-26 ta' Awwissu 2015 minn gewwa ir-residenza 87, Triq is-Sienja Kalkara meta arlogg ta'l- idejn li kien fost ir-res furtiva jinstab fil-pussess tieghu ftit taz-zmien wara li sehhet dina is-serqa u hu jonqos milli jaghti spjegazzjoni dwar dan il-fatt. L-appellant jilmenta illi din il-prova wahedha ma kenitx bizzejjed b'sahhitha sabiex twassal lill- Ewwel Qorti issibu hati ghal dina s-serqa u li fl-aghar ipotesi huwa seta jinstab hati biss ghal kummissjoni tar-reat ta' ricettazzjoni.*

*Fil-fatt fid-deċiżjoni mogħtija mill-Imħallef l-Onor.Vincent DeGaetano fis-26 t'Awwissu 1998 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Emanuel Seisun U Pius sive Pio Micallef' intqal dan li ġej:*

***'It-teorija (theory of unlawful possession of recently stolen goods) mhix xejn ħlief l-applikazzjoni tal-bon sens għall- ċirkostanzi partikolari li jkunu jirriżultaw ippruvati fis-sens li meta jiġu ppruvati ċerti fatti dawn jistgħu waħedhom iwasslu raġonevolment għall-konklużjoni li persuna partikolari tkun ħatja tar-reat ta' serq tal-oġġetti misjuba għandha jew, skont iċ-ċirkostanzi, tar-reat ta' riċetazzjoni ta' dawk l-oġġetti.' (Volum LXXXII 1998 Part IV fol 322).***

*Fl-istess sentenza l-Qorti kkwotat estensivament millArchbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice 1997 paras 21-125, 21- 126.*

***'There appears to have been widespread misunderstanding of the so-called doctrine of recent possession. The 'rule' is, it is submitted, that where it is proved that premises have been entered and property stolen thereform and that very soon after the entry the defendant was found in possession of the property, it is open to the jury to convict him of burglary, and the jury should so be directed: see R v Loughlin, 35 Cr.App.R 69; R v Seymour 38 Cr App.R.68. This of course applies equally to thefts other than in the course of a burglary, whether a pickpocketing or an armed robbery.***

***In R v Smythe 72 Cr.App.R.8.C.A., the court stressed that there is a misconception to***

---

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Jannar, 2020. (Appell Numru: 183/2017)

***think that recent possession is a material consideration only in cases of handling; it adopted the following passage from Cross on Evidence 5th ed., p.49 (now 8th ed p.35):***

***If someone is found in possession of goods soon after they have been missed and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury are satisfied that he explanation he does offer is untrue. Every case depends on its own facts. There is no magic in any given length of time. However, it is submitted that in many cases where the only evidence is that of recent possession, it will be impossible to exclude the possibility that the defendant was merely a receiver of the stolen property; in such cases a count of burglary ought not to be left to the jury. However, that applies where recent possession is literally the only evidence. The reality is, that in the great majority of cases there are other pieces of evidence which tend to point the case one way or the other. It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occured, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the available evidence.'***

*Illi mill-fatti probatorji jemergi illi l-ghada li sehhet is-serqa d-derubati kienu osservaw ragel vicin ir-residenza taghhom li kien jixbah id-deskrizzjoni moghtija lilhom ta' persuna li kienet il-jum ta' qabel kienet tinsab hdejn id-dar taghhom xi ghaxar minuti qabel sehhet is-serqa. Wahda mid-derubati Stephania Cassar issewgi lil dan ir-ragel u tehodlu xi ritratti li huma*

*esebieti in atti. Tosserva wkoll lil dan ir- ragel liebes arlogg ta' lewn abjad li kien jixbah hafna wiehed mill-arloggi taghha li kienu gew misruqa. Ghalkemm tirrapporta dawn il-fatti lill-pulizija, l-malvivent madanakollu ma jinqabadx, izda jigi intercettat l-ghada meta huwa jipprova jaghmel serqa ohra gewwa l-Kalkara fejn hemmhekk jigi arrestat mill-pulizija. Meta kkonfrontata b'din il-persuna gewwa l-Ghassa tal-pulizija ta' Bormla, Cassar taghraf lil din il-persuna bhala l-istess wahda li hija kienet segwiet u ukoll taghraf f'idejh l-arlogg taghha li kien gie misruq li kien tal-istess ditta Tommy Hilfiger. Dawn il-fatt hija tikkonfermahom quddiem l-Ewwel Qorti fejn hemmhekk hija terga' tidentifika lill-appellant u murija l-arlogg elevat mill-polz tal-appellant mal-mument tal-arrest tieghu, taghrfu bhala l-arlogg proprjeta' taghha.'*

*Illi allura din il-Qorti tistqarr li abbazi ta' dawn il-fatti l-Ewwel Qorti setghet legalment u fattwalment issib htija fl-appellant ghas-serqa li twettqet mir-residenza 87, Triq is-Sienja il-Kalkara. Dan ghaliex wiehed mill-oggetti misruqa instab fil- pussess tal-appellant l-ghada stess, bl-appellant ma jaghti l-ebda spjegazzjoni dwar kif dan l-oggett seta' gie fil-pussess tieghu. Issa gjaldarba d-deskrizzjoni tal- malvivent li kien fl-inhawi tax-xena tad-delitt ftit tal-hin qabel sehhet is-serqa kienet tikkombacja ma' dik tal-persuna li giet osservata minn Cassar fil-vicinzanzi l-ghada liebsa l-arlogg taghha, kienet ghaqlija l-Ewwel Qorti li bl-applikazzjoni tat-teorija tal- ' hekk imsejjha recent possession wasslet ghall-assunzjoni ta' fatti li kien l-appellant li wettaq is-serqa u hadd iktar.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur David Saliba V JESMOND GATT'**[10] gie kkunsidrat li:

*'**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** 1996 pg.1813 para F3.28 jiddisponi is-segwenti:-*

*"In cases of handling and theft, on proof of admission of the fact that the accused was found in possession of property so shortly after it was stolen that it can fairly be said that he was in recent possession of it, the jury should be directed that such possession calls for explanation, and if none is given, or one is given which they are convinced is untrue, they are entitled to infer, according to the circumstances, that the accused is either the handler or the thief and to convict accordingly."*

[10] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-18 ta' Jannar, 2001

***Cross and Tapper*** *fil-ktieb taghhom '**Evidence**' pagna 35 ighati l-istess spjegazzjoni ghat-teorija in esami u cioe huma ighidu s-segwenti:-*

*"If someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen."*

*Meta l-avukat difensur tratta fuq dan il-punt huwa sostna illi l-oggetti misruqa ma instabux ghand l-imputat immedjatament wara li s-serqa giet rapportata izda l-ghada u ghalhekk kien hemm hafna zmien sabiex l-oggetti in kwistjoni jigu trasmessi minn id ghal id u ma ifissirx li kien l-imputat li kkommetta s-serqa.*

*Dwar il-hin necessarju sabiex il-pussess jissejjah ricenti l- Qorti tghamel referenza ghall-istess awturi fuq imsemmija u in partikolari lil **Cross and Tapper** li ighidu is-segwenti.*

*"It goes without saying that what constitutes recent possession within the meaning of the above doctrine is a question of fact depending on the circumstances of the particular case, but it must be emphasised that, even if no explanation is given by the handler, the jury are entitled but not compelled to convict."*

***Archbold*** *fl-opera fuq citata ighid:-*

*"Relevant factors include the nature of the property, its salability, and any evidence other than of the accused's possession of the goods, connecting him with the nature of the offence charged."*

*Din it-teorija tal-pusess ricenti tal-haga misruqa ilha ghal numru konsiderevoli ta snin dejjem tigi accettata u addottata mill- Qrati taghna b'mod konsistenti anke minn din l-istess Qorti kif preseduta fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Silvano Cilia deciza fil-wiehed u tletin ta Mejju 2000**. Din it-teorija kif gie ritenut fis- sentenza moghtija **nhar il-hdax ta Dicembru 1998** fil-kawza fl- ismijiet **Il-Pulizija vs Freddie sive Alfred Zahra'**, qieghda hemm sabiex jigi stabbilit in-nexus bejn id-delitt ta serq, li ghandu fl-ewwel lok jigi ppruvat li sar, u s-suspettat li ghandu tinsab ir-res furtiva ftit tal-hin jew zmien wara s-serqa, nexus li purche jigu stabbiliti r-rekwiziti kollha ta din it-tejorija Jwassal sabiex jinkjoda u jorbot lill-*

*pusessur bis-serq tal-oggett misruq ghandu ftit tal-hin wara s-serqa.. Jinghad hawnhekk li l-imputat la fl-istqarrija tieghu u lanqas fix-xhieda li ta l-Qorti viva voce ma jaghti spjegazzjoni ta kif fil-fatt gie fil-pusesss tac-cekkijiet misruqa.*

*Din it-teorija tistabilixxi presunzjoni ta fatt kontra l-imputat u l-oneru biex jispjega dan il-fatt jaqa fuqu. Il-prosekuzzjoni irnexxilha minghajr dubbju ta xejn tipprova li l-imputat kien fil- pusess tac-cekkijiet misruqa f'cirkostanzi dubbjusi waqt li l- imputat ma offra l-ebda spjegazzjoni fl-ebda hin.'*

Din is-sentenza kienet giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali[11].

Ikkunsidrat ulterjorment,

Illi fil-kaz odjern, l-appellant ma nsabtx fil-pussess tal-oggetti misruqa izda **PC 450 Christopher Bartolo fis**-seduta tal- 21 ta' April 2016 jispjega li wara li lemhu lill-appellant isuq gewwa l-Mosta '*imbaghad morna nduru fejn toqghod, fejn kellna nformazzjoni toqghod ommu gewwa Birkirkara u kif qed induru l-area ezatt fi Triq Guze Borg Birkirkara iltqajna mal-istess karozza mitfghuha bl-addocc fil-genb bit-twieqi mnizzlin bic-cievet gghadhom fl-ignition, xi pouches gewwa u iktar affarijiet li rajna u* ***konna gia' nnutajnihom qabel kienu ghadhom kollox go fiha***.' Jispjega ukoll dwar meta din il-vettura instabet ipparkeggata bl-adocc li '*kien hemm xi scooter tat-tfal kien qieghed fl-gholi hekk jidher u kien hemm xi affarijiet ohra bhal xi gaga jekk mhux sejjer zball u iktar affarijiet*.' Ghalhekk jirrizulta li l-oggetti jew uhud minnhom li sussegwentement gew ikkonfermati li dawn gew misruqa, kienu l-istess oggetti li l-Pulizija kienu raw fil-vettura. Ghalhekk il-fatt li l-Pulizija gharfu lill-appellant fil-vettura fl-istess jum aktar kmieni qabel ma gew rapportati s-serqiet u kienu raw lill-appellant isuq din il-vettura mimlija oggetti u fejn sussegwentement instabet din il-vettura bl-oggetti, huma provi sufficenti li jikkonfermaw lil-akkuzat kien wettaq is-serq in kwistjoni. Kien umbaghad jinkombi fuq l-appellant sabiex jiprova li huwa ma kienx qieghed isuq il-vettura in kwistjoni dakinhar, li ma kienx il-Mosta u li l-oggetti misjuba ma kienux fil-vettura waqt li din kienet qieghda tinstaq minnu. Jirizulta li l-vittmi

[11] Fis-6 ta' Settembru, 2001 (Appell numru: 18/2001)

gharfu l-oggetti misjuba f'din il-vettura, u fejn jirrizulta li r-rota li nserqet mill-garaxx ta' Liam Pace baqghet ma nstabitx. Il-fatt li ma ttiehdux impronti tas-swaba u li lanqas kien prezenti l-appellant waqt li gew elevati l-oggetti ma jfissirx li r-reat ta' serq ma giex ippruvat. Il-fatt li l-pulizija ma lehqux waqfu lill-appellant stante li ma lehquhx lanqas ma jfisser li ma tressqux bizzejjed provi biex tinstab htija. Ghalkemm l-appellant gie arrestat gimghat wara li sehhew dawn is-serqiet, il-vettura bl-oggetti instabet ftit wara li l-appellant inlemah isuq din il-vettura u ghalhekk fl-istess jum.

Ghalhekk din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment issib htija tal-ewwel (1) imputazzjoni u t-tielet (3) imputazzjoni rigwardanti serq aggravat bil-valur u bil-mezz.

Ikkunsidrat;

Ir-raba' imputazzjoni rigwardanti hsara volontarja '*ta' hwejjeg mobbli jew immobbli u cioe hsara fuq bieb ta garaxx*' tirrizulta ppruvata izda biss bhala mezz *ai fini* sabiex jigi kommess ir-reat ta' serq. Kif meqjus fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-PULIZIJA Supt. Bartolomeo Mula u Spett. Emmanuel Cassar vs. Vincent Calleja'**[12]:

'*Illi dwar l-ewwel aggravju tal-appellant, dan ghandu jiftiehem li ir-reat ta' danni volontarji kontemplat fit-raba' akkuza dedotta kontra l-appellant , serva biss bhala mezz ghall-fini u ghalhekk -biss ghall-fini ta' piena - kellu jigi kompriz u involut fil-ewwel zewg akkuzi ta' serq, dan l-aggravju jimmerita certa konsiderazzjoni, ghaliex ,ovvjament ,jekk il-hsara riskontrata kienet limitata biss ghall-fatt tal-isgass fuq l-aperturi tad-djar koncernati dan l-aggravju ikun fondat. Jekk invece jirrizulta li min dahal biex jisraq, ghamel hsara ohra bla bzonn u mhux necessarjament biex jikseb access ghall-fond, allura ir-reat jista' jikkonfigura ruhu xorta wahda "on its own merits" u ma jkunx jista' jigi invokat l-beneficcju tal-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali. Dan is-sub-inciz jiddisponi :-*

*"meta zewg reati jew izjed , li flimkien ma jaghmlux delitt ikkwalifikat, iservu bhala mezz biex isir reat iehor, sew ikkwalifikat jew semplici, ghandha tinghata il-piena ghar-reat l-aktar gravi ."*

---

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminli fis-7 ta' Marzu, 2002 (Appell Numru: 11/98 NA.)

*Mid-dicitura tal-ligi johrog car , li fejn jinholqu dawn ic-cirkostanzi , mhux ma jkunx hemm htija , izda ghall-fini tal-piena biss, din tigi assorbita f' dik tar-reat aktar gravi , imma r-reat per se jissussisti imma l-piena tieghu tigi assorbita f'piena ohra akbar . Fil-kliem tal-Professur Sir Anthony Mamo (Notes on Criminal Law - Part I , p. 167 (1963 edit.) :-*

*"..where the two or more offences do not constitute together an aggravated crime (e.g. bodily harm for the purpose of theft - theft aggravated by violence ) and are linked to one another by the nexus of means to an end , then although each of the several offences , retains its specific identity, only the punishment provided for the greater offence can be awarded.This is the application of the method of "assorbimento"*

*Illi fil-kaz tal-ewwel serqa u cioe' dik mill-fond , 100, Triq Fleur de lys , Birkirkiara, jidher mill-atti tal-process verbal , li il-hsara kagunata kienet relatata u intiza biss ghall-fini tal-isgass. Di fatti giet stmata biss fl-ammont ta' tnax il-lira (LM12) mill-espert tal-Qorti William Cassar Torreggiani (fol.30-31 tal-process verbal relattiv) u jidher li kienet tikkoncerna biss il-hsara fuq il-bieb ta' barra , il-paranta u s-serratura tieghu . Ghalhekk f'dan l-kaz il-hsara kienet sinonima mall-kwalifika tal-"mezz" tar-reat tas-serq u kommessa ghall-istess fini.*

*L-istess pero' ma jistax jinghid fil-kaz tat-tieni allegata serqa inkluza ukoll fir- raba' imputazzjoni u cioe' dik mill-fond "il-Gallarija, San Pawl tat-Targa , proprjeta' tal-Magistrat Patrick Vella . Di fatti , mir-rapport tas-surveyor tal- assikurazzjoni tal-Magistrat Vella , George Bonnici , minnu konfermat bil- gurament, jirrizulta testwalment (a fol.29 u 30 tal-process ) li :-*

*"A certain degree of malicious damage was made by the thieves during their break -in", u l-espert tal-Qorti Alfred P. Camenzuli , fix-xhieda tieghu (fol. 18 u 19 tal-process ) xehed testwalment :-*

*"Ghar-rigward tal-hsara, barra aperturi, kien hemm ukoll hsarat konsiderevoli ta' ghamara tal-kewba antika specjalment f'dik tal-kamra tal- pranzu li kien fiha hafna grif u kien jinhtieg din li issirilha polish mill-gdid kollha kemm hi"*

*Ara ukoll fol. 31 u 32 tal-process verbal dwar is-serq mid-dar tal-Magistrat Patrick Vella. u fol-35 tal-istess fejn il-hsara giet stmata ghas-somma ta' cirka elfejn lira (LM2000) . Ma*

*tikkagunax elfejn lira hsara biex tisgassa bieb u tidhol f'dar.*

*Ghalhekk, fil-waqt li dan l-aggravju kif qed tifmhu u tinterpretah din il-Qorti huwa fondat biss ghal dak il-parti tar-raba' imputazzjoni li tirrigwarda il-hsara fil-propjeta' fil-fond 100, Fleur de lys , Birkirkara, hu manifestament infondat u il-boghod mir-rizultanzi ghal dak li jirrigwarda il-fond "Il-Gallarija" San Pawl tat- Targa, fejn oltre il-hsara fl-aperturi konnessa mall-isgass, saret hsara ohra bla bzonn u vendikattiva li b'ebda mod ma ghenet jew wasslet biex issir is-serqa. Ghalhekk ir-raba akkuza tirrizulta ukoll pruvata pero', biss ghal dik il-parti tal- akkuza li tirrigwarda il-fond "Il-Gallarija" , San Pawl tat-Targa .*'

**Kenneth Cocks** fil- 21 ta' April 2016 xehed *li* '*the padlock had been broken off and the core lock had been smashed*'. Fir-rapport tal-Pulizija a fol 92 et sequitur u markat bhala RA1 tnizzel li '*It is to be pointed out that the padlock was noted inside the garage in question damaged, also the cylinder of the garage door was nowhere to be found.*' Ghalhekk jirrizulta li l-hsara li saret kienet mezz *ai fini* u cioe' sabiex jigi kommess is-serq.

Ghalhekk ir-raba' (4) imputazzjoni tirrizulta ppruvata izda biss bhala *mezz ai fini* tat-tielet (3) imputazzjoni.

Dwar l-imputazzjoni numru tnejn (2) dwar hsara volontarja ta' '*hwejjeg ta' haddiehor mobbli jew immobbli u cioe hsara fuq bieb ta garaxx*' ghal dak li jirrigwarda serqa ghad-detriment ta' **Liam Pace,** dan ix-xhud fis- 17 ta' Gunju 2018 xehed li '*meta rritornajt biex indahhal il-karozza fil-garage indunajt li l-garage kien sgassat, sibt il-katnazz li s-soltu naghlaq il-garage bih ma kienx f'postu u l-garage kien maghluq b'turnavit tieghi stess gol-flap li s-soltu taghlaq il-katnazz.*' Fir-rapport tal-Pulizija li jinsab a fol 95 u mmarkat bhala RA2 tnizzel li '*Compl. pointed out that the padlock was nowhere to be found, also same doesn't suspect in any one. It is to be pointed out that the garage door lock is damaged from a previous incident, since some time ago the same garage was forced open. So the garage door in question was only locked by means of a padlock.*'

Ghalhekk f'dan il-kaz partikolari mir-rapport tal-Pulizija jirizulta li l-lock kien gia bil-hsara minn incident precedenti izda jirrizulta li l-katnazz li kien qieghed izomm il-bieb maghluq ma nstabx. Ghalhekk necessarjament gialadarba il-katnazz ma nstabx dan kellu jigi sgassat sabiex infetah. Ghalhekk tirrizulta it-tieni (2) imputazzjoni ukoll u cioe' dik ta' hsara volontarja izda bhala mezz *ai fini* sabiex jigi kommess ir-reat mertu tal-ewwel (1) imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi l-hames (5) imputazzjoni taqra:

'*Ukoll talli wara li kien ikkundannat f' Malta ghal serq jew ghal-ricettazzjoni, instab fil-pussess ta oggetti li kienux tal-kundizzjoni tieghu, minghajr ta' kont sodisfacenti ta' kif kienu gew legittimament ghandu u wkoll talli nstabu ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi minghajr ma ta' kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu insabu ghadhu u dan ghat-tenut tal-Art 287 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.*'

**L-artikolu 287 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Kull min, wara li jkun ġie ikkundannat f'Malta għal serq, jew għal riċettazzjoni, jinsab fil-pussess ta' frottijiet, xtieli, jew prodotti oħra tar-raba' jew tal-ġonna, jew ta' flus, jew ta' oġġetti oħra, li ma jkunux tal-kondizzjoni tiegħu, mingħajr ma jagħti kont sodisfaċenti ta' kif ikunu ġew leġittimament għandu; inkella jinsabu għandu mfietaħ, imqabblin jew iffalsifikati, jew għodod oħra tajbin għal ftuħ jew sgassar ta' serraturi, jew jinsabu għandu forom ta' serraturi, mingħajr ma jagħti kont sodisfaċenti għal liema skop leġittimu jinsabu għandu f'dak iż-żmien, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur.*'

Kif meqjus mill-Ewwel Qorti:

'*Illi in kwantu ghall-hames imputazzjoni taht l-Artikolu 287 tal-Kodici Kriminali, dan l-Artikolu jistabbilixxi tliet kriterji fundamentali, (i) dik li l-akkuzat jinstab fost ohrajn*

*b'oggetti jew ghodod tajbin ghall-ftuh ta' serraturi; (ii) dik li l-akkuzat ikun gie kkundannat qabel ghar-reat ta' serq jew pussess mhux gustifikat ta' oggetti minn persuna ga kkundannata ghal serq; u li (iii) ma jaghtix kont sodisfacjenti taghhom meta jinqabad.*'

**L-Ispettur Saviour Baldacchino** fis-seduta tat- 12 ta' April 2016 xehed li qed jesebixxi sett ta' hmistax (15)-il ritratt li ttiehdu fl-ufficju tieghu u li juru l-oggeti li nstabu fil-karozza Volkswagen li kienet ittowjatha u migjuba gewwa CID yard. Xehed li '*Naghmel referenza ghal ritratt SB 13 fejn SB 13 hawn fotografija li fiha jidhru diversi ghodod li huma suspettati li hew uzati sabiex isir l-isgass taz-zewg garazzijiet li gew misjuba ukoll fil-Volkswagen li kienet giet itowjaha u ukoll kienu konfiskati.*' Liam Pace wiehed mill-vittmi dwar SB 13 xehed li '*hawnhekk hawn numru ta' ghodda, pliers, pliers differenti*'. Mistoqsi jekk kollha tieghu qal '*Le m'humiex kollha tieghi fil-fatt l-imqass il-kbir il-blu m'huwiex tieghi*'. Xehed li '*lanqas din il-crow bar nahseb*' u li '*Il-kumplament l-ohra u hawn turnavit ahmar dak lanqas m'hux tieghi*'. Ghalhekk jirrizulta li mhux l-ghodda kollha giet identifikata bhala r-res furtiva. Mill-fedina penali jirrizulta li l-appellant kien gieli instab hati tar-reat tas-serq, jirrizulta ukoll li l-appellant naqas milli jaghti raguni sodisfacenti ghala dawn l-oggetti u cioe' l-ghodda kienu fil-vettura misjuqa minnu. Ghalhekk l-Ewwel Qori korrettament sabet htija ta' din l-imputazzjoni.

Illi s-sitt (6) imputazzjoni taqra li '*Ukoll talli fl'istess data f'dawn il- gzejer saq vettura bin- numru ta registrazzjoni AAP-348 tal-ghamla volkswagen minghjajr licenza tas- sewqan mahruga mill-awtorita' kompetenti bi ksur tal-Sez 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.*'

**PC 899 Jean Paul Vella** fis-seduta tal- 21 ta' April 2016 xehed li fis- 16 ta' Marzu ta' dik is-sena insertaw lil '*Stephen Borg kif ukoll lil Antonella Vella go Volswagen blue AAP 348*' Xehed '*Li stajt ninnota sewwa li Stephen waqt li kien qed isuq beda jzom warajh xi oggetti.*' Jigifieri '*B'id wahda jsuq u l-ohra jzomm l-affarijiet warajh*'. PC 450 Christopher Bartolo fl-istess seduta dwar is-sittax (16) ta' Marzu ta' dik is-sena dwar il-Volkswagen blu bin-numru ta' registrazzjoni AAP 348 xehed li '*Kien qed isuq il-*

*vettura plus li gieli kont narah qabel fuq xi xoghol iehor. Allura dak il-hin li jiena rajtu nsuq mill-ewwel u ndunajna isma' dan il-persuna huwa ta' certu informazzjoni ghalina.'*

Ghalhekk abbazi ta' dan jirrizulta li fis- 16 ta' Marzu 2016 l-appellant intlemah isuq il-vettura Volkswagen ta' kulur blu bin-numru ta' registrazzjoni AAP 348. Karen Cremona in rapprezentanza ta' Transport Malta fil-hdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) rigward il-vettura AAP 348 ta' Volkswagen Golf ta' kulur blu xehdet li din il-vettura rregistrata fuq Sultana Dubua[13] bin-numru tal-karta tal-identita' 21361A u ilha registrata mid-disgha (9) ta' Awissu tas-sena elfejn u tnax (2012). Il-licenzja skadiet fl-elfejn u tlettax (2013) u ghadha ma gietx rinovata minn dakinhar. Hemm numru ta' kontravenzjonijiet fuq il-vettura. Hija prezentat dokumentazzjoni a fol 69 b'informazzjoni dwar din il-vettura. **Stephen Cachia** in rapprezentanza ta' Transport Malta fit- 3 ta' Gunju 2016 xehed li '*gejna mitluba biex naghmlu ricerka rigward insurance fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAP-348. Mir-ricerka li ghamilt jirrizulta din hija tal-ghamla Volskwagen Golf ta' kulur blu registrat fuq Sultan Dabu ID 21361(A). Din il-vettura ilha hekk irregistrata mid-disgha (9) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnax. Issa rigward l-insurance jekk kintix, jekk ghandhiex insurance din il-vettura jiena ma nistghax nixhed peress illi l-licenza tal-imsemmija vettura skadiet fil-wiehed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) u ghadha hekk skaduta kif ukoll hemm ammont konsiderevoli ta' citazzjonijet fuqha*'.

Ghalhekk jirrizulta ippruvat li l-appellant saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAP-348 tal-ghamla volskwagen minghajr licenzja. L-appellant permezz tas-seba' imputazzjoni gie akkuzat li uza jew gieghel jew halla lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur u cioe' vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAP-348 tal-ghamla Volkswagen fit-toroq kemm-il darba, meta ma sehhitx polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni bi ksur tal-artikoli 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan l-artikolu jaqra:

[13] Skont id-dokument prezentat minn dan ix-xhud, il-vettura kienet registrata fuq certu 'Sultan Dabous'

'*Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza,ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tużavettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettur aminnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.*'

L-**artikoli 3(1A)u 3(IB) tal-istess Kapitolu** ipoggu l-oneru tal-prova fuq l-akkuzat biex jipprova l-kuntrarju u cioe' li kellu certifikat tal-assigurazzjoni. Dawn jipprovdu:

'*(1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikattal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4).*

*(1B) Tista' tingħata eċċezzjoni valida, fil-prosekuzzjoni ta' reat taħt is-subartikolu (1), mill-akkużat jekk iġib prova li r-reat ikun sar mingħajr ma huwa kien jaf bih u li jkun eżerċita kull diliġenzadovuta biex ma jħallix li r-reat isir.*'

Ghalhekk din is-seba' (7) imputazzjoni tirrizulta ppruvata ukoll.

Ikkunsidrat;

illi t-tmien (8) imputazzjoni taqra:

'*Ikkommetta delitt ta' natura volontarja, punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin moghtija lilu mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D. nhar l-04 ta' Marzu 2015;*'

Illi fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2016, l-Ispettur Saviour Baldacchino prezenta kopja awtentika tas-sentenza moghtija mill-Magistrat Antonio Micallef Trigona fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Cartol Fabri) vs Stephen Borg'**. Din hija datata l- 4 ta' Marzu 2015 u mmarkata bhala Dok. AD3 a fol 115 et sequitur fejn l-akkuzat kien gie ikkundannat ghal piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin u fejn tqieghed taht is-supervizzjoni ta' ufficjal sorveljanti ghal perjodu operattiv kollu. Din is-

sentenza tikkontjeni n-numru tal-karta tal-identita' tal-appellant. L-appellant fir-rikors tal-appell iressaq eccezzjoni dwar din l-imputazzjoni fejn jghid li permezz ta' denunzja, il-Qorti tal-Magistrati fis-6 ta' Awissu, 2018 irrendiet l-istess sentenza operattiva. Illi pero jirrizulta li permezz ta nota prezentata mill-appellant fir-registru ta din l-Onorabbli Qorti nhar il-11 ta' Settembru, 2020 li peremezz taghha pprezenta kopja ta sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-4 ta Marzu 2015 fejn gie kkundannat piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghall-erba' snin u sentenza ohra moghtija minn dik l-istess Qorti divesament preseduta nhar is-6 ta' Awwissu 2019 fejn irrenda operattiv is-entenza tal-4 ta Marzu 2015. Konsegwentement din il-Qorti sejra tatjeni mili tiehu konjizzjoni ta din it-tmien akkuza stante li l-appellant gja skonta din l-istess entenza tal-4 ta' Marzu 2015.

L-appellant ma nstabx hati tad-disa' (9) imputazzjoni u ghalhekk din il-Qorti mhijiex sejra tikkunsidra din l-imputazzjoni.

L-imputazzjoni numru ghaxra (10) taqra':

'*Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D fit-28 ta' Mejju 2013 u dan taht garanzija personali ta' € 10,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti;*'

L-**Ispettur Saviour Baldacchino** fis-seduta tat-8 ta' Lulju, 2016 prezenta digriet ghall-helsien mill-arrest moghti mill-Magistrat Dr Micallef Trigona nhar it- 28 ta' Mejju 2013 fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Fabian Fleri) kontra Stephen Borg'**. Kopja awtentika ta' dan id-digriet jinsab a fol 129 u mmarkat bhala Dok AD6. Fis-seduta tas- 6 ta' Ottubru, 2016 gie verbalizzat li '*Id-Difiza qed tezenta lil Prosekuzzjoni milli tressaq bhala xhieda lill-iSpettur Fabian Fleri u l-iSpettur James Grech stante li mhux qed tikkontesta l-bail conditions esebiti in atti li jinsabu nserita minn fol 129 sa fol 132 nghataw fil-konfront tal-imputat Stephen Borg.*'

Ghalhekk stante li jirrizulta li l-akkuzat ikkommetta reat ta' natura volontarju waqt li kienu in vigore dawn il-kundizzjonijeit ta' helsien mill-arrest, l-Ewwel Qorti korrettament sabet htija ta' din l-imputazzjoni.

Illi l-imputazzjoni numru hdax (11) taqra':

'*Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provvizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. A. G. Vella LL.D fl-14 ta' Mejju 2014 u dan taht depozitu ta' € 1,000 u garanzija personali ta' € 9,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti;*'

L-**Ispettur Saviour Baldacchino** fis-seduta tat- 8 ta' Lulju,2016 ipprezenta id-digriet bil-kundizzjonijiet ta' helsien mill-arrest mohtija fl-ismijiet '***Il-Pulizija (Spettur J. Grech/Sp Zammit/ A Agius) vs Stephen Borg'*** fl- 14 ta' Mejju, 2014. Kopja awtentika ta' dan id-digriet jinsab a fol 132 u mmarkat bhala Dok AD8. Fis-seduta tas-6 ta' Ottubru, 2016 gie verbalizzat li 'I*d-Difiza qed tezenta lil Prosekuzzjoni milli tressaq bhala xhieda lill-iSpettur Fabian Fleri u l-iSpettur James Grech stante li mhux qed tikkontesta l-bail conditions esebiti in atti li jinsabu nserita minn fol 129 sa fol 132 nghataw fil-konfront tal-imputat Stephen Borg.*'

Ghalhekk din l-imputazzjoni tirrizulta ppruvata ukoll kif korrettament sabet l-Ewwel Qorti.

Illi t-tnax (12)-il imputazzjoni taqra:

'*Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provvizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D. fil-25 ta' Settembru 2014 u dan taht depozitu ta' € 1,000 u garanzija personali ta' € 7,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti;*'

L-**Ispettur James Grech** fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2017 prezenta l-kundizzjoni ta' helsien mil-arrest moghtija mill-Magistrat Josette Demicoli fil- 25 ta' Settembru, 2014 bin-numru tal-karta tal-identita' 155778M u gharaf lill-imputat li investiga u ressaq il-Qorti b'dan il-kaz, jghid li l-kundizzjonijiet ghadhom in vigore sal-lum il-gurnata. Kopja awtentika ta' dan id-digriet b'dawn il-kundizzjonijiet jinsab a fol 150 et sequitur u mmarkat bhala JG1.

Din l-imputazzjoni ghalhekk ukoll tirrizulta ppruvata.

Illi t-tlettax (13)-il imputazzjoni taqra:

> '*Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provvizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr C. Peralta LL.D fit-22 ta' Lulju 2015 u dan taht garanzija personali ta' € 2,500 fost kundizzjonijiet ohra kif ordna li jaghmel mill-istess Qorti;*'

L-**Ispettur James Grech** fis-seduta tal- 10 ta' Marzu 2017 xehed li '*Nipprezenta ukoll bail conditions moghtija lill-istess Stephen Borg f' kawza li ghandu flimkien ma' Antonella Vella, il-bail conditions inghataw lilu fit-22 ta' Lulju 2015 mill-Magistrat Carol Peralta, naghraf lill-istess Stephen Borg bhala l-istess persuna li jiena nvestigajt u ressaqt il-Qort, dawn il-bail conditions ghadhom in vigore sallum il-gurnata*'

Kopja awtentika ta' dan id-digriet jinsab a fol 152 u mmarkat bhala JG2. Ghalhekk l-Ewwel Qorti korrettament sabet htija ta' din l-imputazzjoni ukoll.

L-Ewwel Qorti trattat mal-appellant bhala recediv. L-appellant ma ressaqx aggravju dwar dan u ghalhekk din il-Qorti mhijiex sejra tikkunsidra jekk l-Ewwel Qorti setghetx tikkunsidrah bhala recediv. Jonqos ghalhekk li tigi kkunsidrata l-piena li ghandha tigi inflitta.

Ikkunsidrat;

L-appellant lanqas ma ressaq aggravju ad hoc dwar il-piena izda ressaq talba sussidjarja u cioe' ghal piena aktar idoneja u anqas harxa u li tirispekkja il-kaz in ezami. L-Ewwel Qorti *ai fini* ta' piena qieset li l-akkuzat naqas milli juzufruwixxi mill-opportunitajiet moghtija lilu precedentement sabiex jirriforma ruhu u hasset li fic-cirkostanzi ser tapplika piena karcerarja effettiva u ghar-rigward tal-ksur tad-digriet ghal helsien mill-arrest ordnat ir-ri arrest b'effett immedjat ghal dak id-digriet imposti f'kawzi li ghadhom ma ghaddewx in gudikat. Din il-Qorti temfasizza li l-appellant jehtieg li jitbieghed mill-hajja kriminuza li qieghda taghmel hsara lil persuni innocenti li jisfaw misruqa, liema agir ixejjen is-sigurta' li s-socjeta' jixraqilha. Din il-Qorti ghalhekk ma ssib l-ebda raguni li abbazi taghha ghandha tiddisturba l-piena imposta mill-Ewwel Qorti u cioe' dik ta' tlett (3) snin prigunerija kif ukoll l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12)-il xahar kif ukoll fejn ordna ir-arrest tal-appellant b'effett immedjat in kwantu jirrigwarda d-digriet ghall-helsien mill-arrest li sabet htija taghhom. Din il-Qorti abbazi ta' dak meqjus f'din is-sentenza sejra tirrevoka fejn irrendiet operativ il-perjodu ta' sentejn prigunerija li permezz tas-sentenza tal-erbgha (4) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) mertu tal-imputazjzoni numru tmienja (8) kien gie sospiz ghal perjodu ta' erba' (4) snin.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta u tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma fejn illiberat lill-akkuzat mill-imputazzjoni numru disgha (9), tikkonferma ukoll il-htija tal-ewwel (1), tat-tielet (3), tal-hames (5), tas-sitt (6), tas-seba' (7), tal-ghaxar (10), tal-hdax (11), tat-tnax (12) u tat-tlettax (13)-il imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-appellant, filwaqt li tikkonferma ukoll il-htija it-tieni (2) u r-raba' (4) imputazzjonijiet tqis li r-reati mertu ta' dawk l-imputazzjonijiet kienu mezz *ai fini* tal-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjoni. Tikkonferma fejn ikundannat lill-appellant ghal tlett (3) snin prigunerija kif ukoll fejn iskwalifikat lil imputat milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12)-il xahar, liema terminu jibda ghaddej mil-lum. Tikkonferma ukoll fejn il-Qorti ordnat r-riarrest tal-imputat b'effett immedjat in kwantu jirrigwarda d-digrieti ghall-helsien mill-arrest indikati fl-ghaxar (10), fil-hdax (11), fit-tnax (12) u fit-tlettax (13)-il imputazzjoni fejn il-kawzi fejn dawn inghataw ghadhom ma ghaddewx in gudikat. Tirrevoka fejn il-Qorti irrendiet operattiv il-

perjodu ta' sentejn prigunerija li permezz tas-sentenza tal-erbgha (4) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) mertu tal-imputazzjoni numru tmienja (8) kien gie sospiz ghall-perjodu ta' erba' (4) snin u fejn ikundannat lill-appellant jiskonta perjodu kumplessiv ta' hames (5) snin prigunerija. Ghalhekk l-perjodu ta' prigunerija effettiva li l-appellant sejjer jiskonta huwa dak ta' **tlett (3) snin.**

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur